# Ir-Regoli tas-Servizz

**Min aħna?**

Skyscanner ("**aħna**" jew "**tagħna**" skont il-kuntest) tagħti servizzi ta' tiftix tal-vjaġġi bl-internet (fosthom it-tqabbil tal-prezzijiet tat-titjiriet, tal-lukandi u tal-kiri tal-karozzi) u servizzi turistiċi oħra (is-"**Servizzi**" għall-vjaġġaturi madwar id-dinja permezz tas-siti, l-apps u l-pjattaformi l-oħra tagħna (il-"**Pjattaformi**").
Skyscanner mhijiex aġent tal-vjaġġi u m'għandhiex x'taqsam mal-għoti, mat-tqegħid jew mal-kontroll tal-prezzijiet mitluba għal xi għażla jew prodott turistiku li ssib jew tibbukkja bis-Servizzi tagħna (“**Prodotti turistiċi minn kumpaniji oħra**”). Dawn il-Prodotti turistiċi minn kumpaniji oħra jingħataw minn aġenti tal-vjaġġi, linji tal-ajru, lukandi, operaturi tal-ġiti u kumpaniji oħra ("**Operaturi tas-servizzi turistiċi**") u jaqgħu taħt ir-regoli u l-kundizzjonijiet tal-kumpaniji li jagħtuhom.
Is-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna miġjuba lilek minn Skyscanner Limited, kumpanija privata limitata mwaqqfa u rreġistrata fl-Ingilterra u Wales bin-numru tal-kumpanija 04217916. F'dawn ir-regoli nirreferu għal kull entità oħra li direttament jew indirettament tikkontrolla, ikkontrollata minn jew ikkontrollata flimkien ma' Skyscanner bħala "**Kumpaniji tal-Grupp Skyscanner**" Tista’ ssib id-dettalji tagħna, fosthom l-indirizz tal-posta u l-indirizz uffiċjali, fuq il-paġna tad-Dettalji tal-Kumpanija tagħna.

**Dawn ir-Regoli**

Dawn ir-regoli u l-kundizzjonijiet (“**Regoli**”) flimkien mal-politika tal-privatezza, il-politika tal-cookies u Kif Taħdem SkyScanner, ifissrulek kif tista' taċċessa u tuża s-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna. Meta tiftaħ u tuża s-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna, tkun qed tikkonferma li qrajt, fhimt u taqbel ma' dawn ir-Regoli u mal-politika tal-privatezza, mal-politika tal-cookies u ma' Kif Taħdem Skyscanner.
Nistgħu nżidu mas-servizzi u l-pjattaformi tagħna u dawn iż-żidiet jafu jkollhom regoli u kundizzjonijiet oħra int u tużahom. Meta jiġri hekk, se ngħarrfuk b'mod ċar u, skont il-każ, dawk ir-regoli se jkunu fis-seħħ minflok jew flimien ma' dawn ir-Regoli.
Nistgħu nibdlu dawn ir-Regoli meta u kif jidhrilna aħna. Jekk nagħmlu xi bidliet f'dawn ir-Regoli, se nippubblikaw ir-regoli u l-kundizzjonijiet il-ġodda. Jekk wara li nuruk il-bidliet tkompli tuża s-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna, se nqisu li qbilt ma' kull bidla li nkunu għamilna. M'għandekx tuża s-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna jekk ma taqbilx ma' kull waħda minn dawn ir-Regoli.

**Kif tuża s-Servizzi tagħna**

Ma tistax tuża s-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna jekk ma tkunx qed tobdi l-liġijiet u għal għanijiet li jmorru kontra l-liġi. Talli taqbel ma' dawn ir-Regoli, se nagħtuk liċenzja mhux esklussiva li ma tistax tgħaddiha lil ħaddieħor biex tniżżel, tiftaħ u tuża s-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna għall-użu privat u mhux kummerċjali tiegħek u għall-ebda għan ieħor. Qed nagħtuk din il-liċenzja għax qed taqbel li mhux se:

1. tuża s-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna għal xi għan mhux xieraq, li jmur kontra l-liġi, jew biex ittella', taqsam jew ixxandar xi materjal li: (i) huwa kontra l-liġi, jagħmel il-ħsara, jimmalafama lil xi ħadd, iweġġa', huwa oxxen jew inkella li b'xi mod ieħor mhux xieraq; (ii) jikser il-fiduċja jew il-privatezza jew il-jeddijiet ta' ħaddieħor fosthom il-jeddijiet tal-awtur, il-jeddijiet tal-marki kummerċjali u l-jeddijiet l-oħra tal-propjetà intellettwali; (iii) qed ittella', taqsam jew ixxandar bl-għan li tirriklama jew tippromwovi lilek innifsek jew lil xi ħadd ieħor; jew (iv) iqarraq jew jgħawweġ il-verità dwar l-identità tiegħek jew li b'xi mod jagħti lil dak li jkun x'jifhem li int sponsorjat, imsieħeb jew tirrappreżenta lil Skyscanner; jew (v) m'għandek l-ebda jedd jew permessi meħtieġa biex ittella', taqsam jew ixxandar;
2. tuża s-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna għal xi għan kummerċjali jew b'xi mod li tista' tagħmel il-ħsara lil Skyscanner jew lil isem Skyscanner;
3. sakemm il-liġi ma tħallikx tagħmel hekk, iżżarma, terġa' tibni mill-ġdid jew toftoq (decompile) is-software, l-apps, l-aġġornamenti jew il-hardware li tikseb jew li tista' tikseb fuq is-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna;
4. tikkopja, ixxerred, turi lill-pubbliku, tbigħ, tikri, issellef jew tuża b'mod ieħor is-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna, jew tipprova taqbeż jew iddur ma' xi miżura tas-sigurtà maħsuba biex ma tħallikx tiftaħ jew tuża s-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna;
5. tuża jew tidħol fis-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna b'mod li jista' jagħmel il-ħsara, jiddiżattiva, jgħabbi żżejjed, itellef is-sigurtà jew jidħol mingħajr permess fis-sistemi tagħna jew ifixkel lill-utenti l-oħra;
6. iddaħħal fis-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna jew tuża s-Sistemi u l-Pjattaformi tagħna biex ixxerred xi kodiċi ħarbati jew li jagħmel il-ħsara, xi virus, worm, trojan jew attakk 'denial of service' jew 'spam'; jew
7. tneħħi, tibdel jew tibdel b'xi ħaġa oħra kull tagħrif dwar l-awtur, il-marki kummerċjali, l-ismijiet kummerċjali, il-logos jew it-tikketti l-oħra li juru li Skyscanner hija ta' Skyscanner mis-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna, jew tgħid jew tipprova tgħid li s-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna huma prodott ta' xi ħadd għajr Skyscanner.

Taqbel ukoll li mhu se tuża l-ebda programm tal-kompjuter awtomatiku mhux awtorizzat, aġent tas-software, bot, spider jew software jew app oħra biex tiskennja, tikkopja, toħloq indiċi, issarbat jew tuża b'xi mod ieħor is-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna jew id-dejta miżmuma fihom. Skyscanner investiet ħafna flus biex tiġbor, tipproċessa u turi t-tagħrif miġbur minn eluf ta' operaturi tas-servizzi turistiċi u tagħti aċċess kummerċjali għal dat-tagħrif tal-vjaġġi b'API bil-ħlas. Jekk tmur kontra din id-dispożizzjoni, Skyscanner tqis li qed tikser dawn ir-regoli u għandha l-jedd li tieħu passi tekniċi u legali biex tagħraf u timblokka l-aċċess awtomatiku mingħajr permess għas-Servizzi u l-Pjattaformi tagħha.

Meta nitolbuk tirreġistra fis-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna b'kont u password, nistennew li tħares dawk il-password u d-dettalji tad-dħul ma taqsamhom ma' ħadd. Jekk issir taf jew tissuspetta li xi ħadd seta' kiseb id-dettalji biex jidħol fil-kont tiegħek, jekk jogħġbok għarraf lit-tim tal-għajnuna tagħna minnufih.

Is-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna mhumiex maħsuba għat-tfal taħt it-18-il sena u ħadd taħt l-età ta' 18-il sena ma jista' jagħti xi tagħrif lis-Servizzi jew lill-Pjattaformi tagħna jew jużahom biex jaqsam xi tagħrif. Minn rajna ma niġbru l-ebda informazzjoni personali mingħand it-tfal taħt it-18-il sena. Jekk insibu li ġbarna jew ksibna l-informazzjoni personali mingħand xi ħadd taħt it-18-il sena, se nħassru dik l-informazzjoni skont ma fissirna fil-Politika tal-Privatezza tagħna.
Jekk xi parti mis-Servizzi jew mill-Pjattaformi tagħna tkun tinsab fuq xi sit li mhux tagħna (ngħidu aħna, Facebook jew xi pjattaforma tal-midja soċjali oħra) u jkun hemlm xi regoli oħra ta' kif għandek tuża dak is-sit, int taqbel li timxi ma' dawn ir-Regoli u mar-regoli u l-kundizzjonijiet ta' dak is-sit.

**Meta taqsam l-informazzjoni magħna**

Aħna nieħdu l-privatezza tiegħek bis-serjetà u dejjem nimxu mal-liġijiet tal-ħarsien tad-dejta li fid-dmir nimxu magħhom. Tifhem li nistgħu nużaw kull dejta personali (skont it-tifsira mogħtija mill-politika tal-privatezza tagħna) li tibgħat lis-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna jew bis-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna skont il-politika tal-privatezza tagħna. Taqbel li tiżgura li kull dejta personali li tagħtina tkun preċiża u aġġornata u li għandek il-permessi, il-liċenzji u l-approvazzjonijiet meħtieġa kollha biex inkunu nistgħu nużaw dak it-tagħrif skont dawn ir-Regoli u skont il-politika tal-privatezza tagħna.
Jekk taqsam magħna xi suġġerimenti, kummenti, titjib, ideat jew ħsibijiet oħra·("**Ħsibijiet**"), tkun qed iċċedilna għalkollox is-sjieda ta' kull jedd intellettwali marbut ma' dawk il-ħsibijiet. Se nkunu nistgħu nużaw u naqsmu dawk il-Ħsibijiet kif jidhrilna aħna. Tista' taqsam il-ħsibijiet tiegħek magħna billi jew tagħfas fuq it-tab 'ħsibijiet' jew billi tikteb lit-tim tal-għajuna tagħna.

**Il-propjetà ta' Skyscanner**

Kif fissirna fi mkejjen oħra ta' dawn ir-Regoli, kull jedd tal-propjetà intellettwali fosthom il-jeddijiet tal-awtur (li jiġbru fihom il-jeddijiet tal-awtur tas-software tal-kompjuter), il-privattivi, it-trademarks jew l-ismijiet kummerċjali, il-jeddijiet tad-disinn, il-jeddijiet tad-databases, l-għarfien prattiku, is-sigrieti kummerċjali u l-jeddijiet kunfidenzjali tas-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna (magħrufa bħala l-"**Jeddijiet tal-Propjetà Intellettwali**") huma misjuda minn Skyscanner jew Skyscanner kisbet liċenzja għalihom. Tifhem li meta tuża s-Servizzi jew il-Pjattaformi, mhu se tikseb l-ebda jedd, sjieda jew interess fihom jew għalihom ħlief għal-liċenzja limitata li dawn ir-Regoli jagħtuk biex tużahom. Tifhem ukoll li m'għandek l-ebda jekk tikseb il-kodiċi tas-sors tas-Servizzi jew tal-Pjattaformi sakemm ma nkunux ħriġnieh aħna b'liċenzja li tħallik tiksbu.

**Il-propjetà ta' ħaddieħor**

Aħna nħarsu l-jeddijiet tal-proprjetà intellettwali ta' ħaddieħor. Jekk temmen li xi kontenut fuq tas-Servizzi jew tal-Pjattaformi tagħna qed jiksirlek il-jeddijiet tal-awtur, jekk jogħġbok uża l-Portal tar-Rapporti tal-Kontenut tagħna biex tibgħat rapport u tgħarrafna b'dan il-kontenut. Jekk ma tixtieqx tuża dak il-portal, tista' tiktbilna f'dan l-indirizz:

Skyscanner Legal Department
Quartermile One, 15 Lauriston Place, Edinburgu, EH3 9EN, ir-Renju Unit
Biex tgħina nifhmu aħjar il-xiljiet tal-ksur u biex, meta jkun il-każ, nibgħatu tagħrif kif suppost skont id-Digital Millennium Copyright Act (li f'dan il-każ id-Dipartiment Legali huwa l-aġent maħtur), jekk jogħġbok agħtina dan it-tagħrif li ġej fir-rapport tiegħek:

1. l-identità tax-xogħol imħares bil-jeddijiet tal-awtur li qed tixli l-ksur tagħhom;
2. l-identità tal-materjal li qed tixli li qed jikser dawn il-jeddijiet u raġjonevolment biżżejjed tagħrif biex inkunu nistgħu nsibuh fis-Servizzi tagħna (tista' tagħtina l-indirizz tal-internet tal-materjal);
3. biżżejjed informazzjoni biex Skyscanner tkun tista' tikkuntattjak, bħall-indirizz, in-numru tat-telefown u, jekk għandek, l-indirizz tal-email;
4. stqarrija min-naħa tiegħek li temmen bis-sħiħ li l-użu rrappurtat qed isir mingħajr il-permess ta' sid il-jeddijiet tal-awtur, tal-aġent tiegħu jew kontra l-liġi;
5. għat-talbiet imressqa skont id-DMCA biss: stqarrija min-naħa tiegħek, fejn taħlef li qed tgħid is-sewwa, li t-tagħrif li tajt fir-rapport imsemmi hawn fuq huwa preċiż u li int sid il-jeddijiet tal-awtur jew għandek is-setgħa li titkellem f'isem sid il-jeddijiet tal-awtur flimkien mal-firma elettronika jew bl-id tiegħek.

**Kontenut illegali**

Qabel kollox, Skyscanner hija sit għat-tqabbil tal-prezzijiet u l-biċċa l-kbira tal-kontenut tagħna huwa tagħrif li juri l-prezzijiet li niksbu mill-imsieħba fdati tagħna barra l-kumpanija tagħna. L-imsieħba tal-lukandi jibagħtulna wkoll xi stampi u reviews. Il-kontenut tar-reviews li jibagħtulna ġej minn pjattaformi fdati oħra barra l-kumpanija tagħna li huma fost l-ikbar fis-suq tat-turiżmu u li għandhom linji gwida reqqi ħafna li dawk li jiktbu r-reviews għandhom jimxu magħhom.

Se nirreaġixxu minnufih għal kull rapport li jidħlilna dwar kontenut kontra l-liġi jew li jagħmel il-ħsara Fost il-kontenut illegali hemm kliem ta' mibegħda jew li jagħmel il-ħsara u li jikser il-liġi, kontenut li jiddiskrimina, prodotti kontra l-liġi, qerq u ksur marbut mal-propjetà intellettwali.

Jekk issib, jew ikollok suspett raġjonevoli li fuq il-Pjattaforma tagħna hemm xi kontenut illegali, jekk jogħġbok żur iċ-Ċentru tal-Privatezza, tal-Fiduċja u tas-Sigurtà fuq l-Internet tagħna u ressaq rapport.

Jekk teħtieġ li tikkuntattjana dwar xi ħaġa oħra, bħal xi mistoqsija dwar itinerarju tal-vjaġġ jew dwar wieħed mill-imsieħba tagħna, jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tim tal-għajnuna tagħna jew ibgħat email fuq help@skyscanner.net.

**Ilmenti taħt l-Att tas-Sigurtà fuq l-Internet tar-Renju Unit**

Jekk int utent li toqgħod ġewwa r-Renju Unit u tixtieq tressaq ilment dwar xi kontenut fuq il-Pjattaformi tagħna li tqis li huwa (i) illegali jew (ii) li jagħmel il-ħsara lit-tfal skont it-tifsira mogħtija mill-Att tas-Sigurtà fuq l-Internet tar-Renju Unit (**"OSA"**) jew jekk għandek ilment għax temmen li mhux nimxu ma' dawn id-dmirijiet imqiegħda fuqna mill-OSA:

- id-dmir tagħna li nfissru, bi stqarrija pubblika, aċċessibbli u li tinftiehem, kif inħarsu lill-utenti minn kontenut illegali u minn kontenut li jagħmel il-ħsara lit-tfal, fosthom it-teknoloġiji li nużaw għat-tiftix minn rajna ta' dan ix-xorta tal-kontenut u d-dmir tagħna li dejjem inwettqu d-dispożizzjonijiet ta' din l-istqarrija (Art. 27 tal-OSA)
- id-dmir tagħna li nagħtuk il-possibbiltà li tirrapporta b'mod faċli kontenut li temmen li huwa illegali jew li jagħmel il-ħsara lit-tfal (Art. 31 tal-OSA)
- id-dmirijiet tas-sigurtà tagħna biex inħarsu lit-tfal (Art. 29 tal-OSA)
- id-dmir tagħna li nħarsu bis-sħiħ il-libertà tal-kelma u l-liġijiet tal-privatezza meta nkunu qed inwettqu xi miżura u politika tas-sigurtà (Art. 33 tal-OSA)

jew jekk l-għemejjel tagħna biex naqdu dmirna li nneħħu (i) il-kontenut li jikser il-liġi jew (ii) il-kontenut li jagħmel il-ħsara lit-tfal jew jekk meta nużaw it-teknoloġija tat-tiftix minn rajna (meta jkun il-każ) iwasslu biex il-kontenut tiegħek ma jibqax jintwera jew jintwera iktar tard fir-riżultati tat-tiftix, tista' tiktbilna fuq osacomplaints@skyscanner.net u t-tim tal-affarijiet legali tagħna se jqis l-ilment tiegħek u d-dmirijiet li jqiegħed fuqna l-OSA u se jwieġbek mingħajr telf ta' żmien (u qatt mhu se jdum iktar minn 28 jum).

**Preċiżjoni tal-prezzijiet u limitazzjonijiet tal-garanzija**

Meta tuża s-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna tkun qed taqbel li tieħu fuqek ir-riskji kollha marbuta magħhom.
Għalkemm fejn tidħol il-preċiżjoni tal-prezzijiet għandna politiki stretti għall-Operaturi tas-servizzi turistiċi li jagħtuna d-dejta tas-servizzi turistiċi u nagħmlu l-almu tagħna biex niżguraw li fuq is-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna dejjem nagħtu l-iġded u l-iktar kontenut preċiż, ma nistgħu nagħtu l-ebda garanzija li huwa kontenut li tista' toqgħod fuqu jew preċiż.
L-istess għat-tbassir. It-tbassir tal-prezzijiet li nagħtu huwa bbażat fuq id-dejta tax-xejriet tal-prezzijiet tal-imgħoddi u m'hemm l-ebda garanzija li t-tbassir tagħna se jkun tajjeb.
Nagħtuk is-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna "tale quale". Nagħmluha ċara li m'aħna nwegħdu xejn u lanqas m'aħna niżguraw xi kundizzjoni jew nagħtu xi xorta ta' garanzija, la diretta u lanqas indiretta (fosthom garanziji tas-sjieda u garanziji indiretti oħra li jinbtu mid-drawwiet kummerċjali, mill-preċedenti fl-interpretazzjoni jew mill-preċedenti fit-twettiq). Sakemm il-liġi tħallina nagħmlu hekk, ma nwegħduk u ma nagħtuk l-ebda garanzija li s-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna (a) huma preċiżi, kompluti jew aġġornati; (b) se jkunu dejjem disponibbli; (ċ) se jagħtuk dak li qed tistenna; jew (d) huma siguri jew ħielsa mill-iżbalji, mill-ħsarat, mid-difetti, mill-viruses jew minn xi software li jagħmel il-ħsara.

**Tbassir tal-prezzijiet**

Jekk tagħżel li tinkiteb għall-avviżi tal-prezzijiet, Skyscanner taf tibgħatlek xi tagħrif fejn tbassar il-prezzijiet tat-titjiriet. It-tbassir tal-prezzijiet li nagħtu huwa biss l-aħjar stima li nkunu nistgħu nisiltu mid-dejta marbuta max-xejriet tal-imgħoddi li jkollna dak il-ħin. Kif fissirna hawn fuq, billi l-prezzijiet u d-disponibbiltà jiddependu minn operaturi barra l-kumpanija tagħna, ma nagħtu l-ebda garanzija li t-tbassir tagħna se jkun tajjeb. Għalkemm tista' tagħżel li toqgħod fuq it-tbassir li nagħtu, min-naħa tagħna ma nagħtuk u ma nistgħu nagħtuk l-ebda garanzija li se jkun preċiż. Jekk it-tbassir ma jkunx preċiż jew ma tkunx tista' tixtri bil-prezzijiet imbassra, ma tistax tqiegħed ir-responsabbiltà ta' dan fuqna.

**Kif tibbukkja bi Skyscanner**

Skyscanner mhijiex aġent tas-servizzi turistiċi u m'għandhiex x'taqsam mal-għażliet li turik fuq is-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħha jew mat-tqegħid jew l-għoti tal-prezzijiet li nuruk. Il-Prodotti turistiċi minn kumpaniji oħra li ssib u/jew tibbukkja bis-Servizzi jew bil-Pjattaformi tagħna huma miġjuba lilek minn Operaturi tas-servizzi turistiċi li m'għandhomx x'jaqsmu magħna.
Għalkemm Skyscanner tgħinek tibbukkja mal-Operaturi tas-servizzi turistiċi, la għandha x'taqsam mas-servizz li tibbukkja u lanqas tista' tistennieh mingħandha. Int u tibbukkja se nuruk min hu l-Operatur tas-servizzi turistiċi li tkun se tibbukkja miegħu flimkien mar-regoli u l-kundizzjonijiet li jgħoddu għal dak il-booking (ir-"**Regoli tal-Operatur tas-servizzi turistiċi**"). Qabel tkompli bil-booking għandek taqrahom u tifhimhom sew. L-unika eċċezzjoni hija meta tibbukkja mal-Operatur tas-servizzi turistiċi ta' Skyscanner għax dan l-operatur għandu regoli u kundizzjonijiet differenti li jgħoddu għalik. Jekk il-konferma tal-booking ma ntbagħtitx minn Skyscanner, din mhix xi ħaġa li tolqtok.

Ir-Regoli tal-Operatur tas-servizzi turistiċi għandhom ifissru l-jeddijiet tiegħek b'rabta mal-Operatur tas-servizzi turistiċi u se jagħtuk id-dmirijiet tiegħu lejk f'każ li xi ħaġa tmur ħażin.
Int taqbel li timxi mar-Regoli kollha tal-Operatur tas-servizzi turistiċi li fid-dmir timxi magħhom. Tifhem li jekk tikser ir-Regoli tal-Operatur tas-servizzi turistiċi tista' titlef il-bookings jew il-biljetti, il-punti tal-linji tal-ajru u l-vantaġġi oħra li tkun ingħatajt u taf teħel xi spejjeż.

Jekk tkun użajt il-Pjattaformi tagħna biex tibbukkja mill-inqas żewġ prodotti turistiċi fi żmien 24 siegħa (ngħidu aħna, titjira u lukanda bbukkajti waħidhom imma jkunu għaddew inqas minn 24 siegħa bejn booking u ieħor), skont fejn tinsab u l-liġijiet tal-ħarsien tal-konsumatur li jgħoddu għalik, din il-ħaġa tista' titqies bħala "Bookings Marbuta". Anki jekk ikollok bookings li jitqiesu bħala Bookings Marbuta, xorta mhux se jkollok l-istess ħarsien tal-konsumatur li tikseb kieku tibbukkja titjira u lukanda f'daqqa mingħand l-istess aġent (f'dak il-każ jaf ikollok il-vantaġġi li tikseb meta tibbukkja l-pakketti tal-vaganzi). Dan ifisser li jeħtieġlek tiddependi fuq kull Operatur tas-servizzi turistiċi biex jagħtuk is-servizzi mwiegħda. Jekk ma jagħtukx dak li jkunu wegħduk, il-liġi ma tagħtik l-ebda jedd tfittex lil min ikun ġabar flimkien jew biegħlek il-pakkett. Jekk xi wieħed mill-operaturi li għandu jagħti servizz f'Booking marbut

ifalli, il-ħarsien mogħti mir-Regolamenti tal-Pakketti tal-Vjaġġi tal-UE mhux se jgħodd għalik.

**Limitazzjonijiet u esklużjonijiet tar-responsabbiltà ċivili**

Dawn ir-Regoli jagħtu l-firxa sħiħa ta' dmirijiet u responsabbiltajiet li Skyscanner għandha b'rabta mas-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna.

Skyscanner ma tistax tinżamm responsabbli għal xi ftehim li tagħmel ma' xi ħadd ieħor meta tuża s-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna (fosthom l-Operaturi tas-servizzi turistiċi). Jekk tħabbat wiċċek ma' xi problema b'xi booking li tkun għamilt jew li tkun qed tipprova tagħmel bi Skyscanner, tifhem li għandek issewwik dik il-problema mal-Operatur tas-servizzi turistiċi u li huwa biss jista' jgħinek (fosthom li jagħtik il-flus lura) u mhux Skyscanner. Meta ssib xi ħoloq għal siti jew riżorsi barranin oħra fuq is-Servizzi jew il-Pjattaaformi tagħna, dawn il-ħoloq qiegħdin hemm biss bħala tagħrif ġenerali. M'għandna l-ebda kontroll fuq il-kontenut ta' dawk is-siti jew dawk ir-riżorsi u la naċċettaw ir-responsabbiltà għal dak il-kontenut u lanqas għat-telf jew għall-ħsara li tista' ġġarrab meta tużahom.

Fuq is-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna taf issib materjal kummerċjali mtella' minn persuni barra l-kumpanija tagħna. Kull riklamatur responsabbli waħdu għall-kontenut tal-materjal kummerċjali li jtella'. Skyscanner ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tal-materjal kummerċjali, fosthom imma mhux biss, għall-iżbalji, għan-nuqqasijiet jew għan-nuqqas ta' preċiżjoni.

Sakemm il-liġi tħallina nagħmlu hekk, aħna (flimkien mal-uffiċjali, id-diretturi, il-ħaddiema, ir-rappreżentanti, l-imsieħba, l-operaturi u l-entitajiet l-oħra li jaħdmu magħna) ma naċċettaw l-ebda responsabbiltà (a) għan-nuqqas ta' preċiżjoni jew għan-nuqqasijiet fil-kontenut li nuru fuq jew bis-Servizzi jew bil-Pjattaformi tagħna; jew (b) għal xi forza maġġuri, inċident, dewmien jew xi xorta ta' telf jew ħsarat speċjali, eżemplari, punittivi, indiretti, aċċidentali jew konsegwenzjali (fosthom imma mhux biss telf tal-qligħ jew tat-tfaddil), kemm jekk imsejsa fuq kuntratt, delitt (anki jekk minħabba n-negliġenza), responsabbiltà diretta jew b'xi mod ieħor imġarrbin minnek minħabba jew b'rabta mal-fatt li ftaħt, użajt jew ma stajtx tiftaħ jew tuża is-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna jew il-kontenut tagħhom.

Skont dawn ir-Regoli u sakemm il-liġi tħallina nagħmlu hekk, l-iktar somma li nistgħu nkunu responsabbli għaliha għal dan kollu f'daqqa b'rabta ma' dawn ir-Regoli jew għax ftaħt jew użajt jew ma stajtx tiftaħ jew tuża s-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna m'għandhiex taqbeż is-somma ta' £100 GBP (mitt sterlina).

L-ebda ħaġa f'dawn ir-Regoli ma trażżan jew tneħħi (a) ir-responsabbiltà ċivili tagħna f'każ ta' mewt jew korriment minħabba xi negliġenza, qerq jew tagħwiġ qarrieqi tal-fatti min-naħa tagħna; (b) xi responsabbiltà ċivili li l-liġi ma tħalliniex inneħħu; jew (ċ) il-jeddijiet li tagħtik il-liġi.

**Ir-responsabbiltajiet tiegħek lejna**

Skont dawn ir-Regoli, int responsabbli lejna għal kull għemil, talba, kawża, nefqa, danni, telf u spejjeż (fosthom it-tariffi legali) imġarrba minna jew mill-Grupp tal-Kumpaniji ta' SkyScanner u kull uffiċjal, direttur, ħaddiem u aġent tagħna li jinbtu minn jew b'rabta mal-mod ta' kif tuża s-Servizzi jew il-Pjattaformi jew il-ksur ta' dawn ir-Regoli.

**Tmiem tal-kuntratt**

Skont dawn ir-Regoli, Skyscanner tista', malli tgħarrfek, ittemm kull ftehim miegħek meta trid u għar-raġunijiet li jidhrilha hi u/jew jekk għandek kont magħha, tikkanċellalek is-sħubija u l-aċċess għall-kont tiegħek u tneħħi kull Kontenut tal-Utent li tkun tellajt fuq is-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna. Skyscanner tista' ma tħallikx tiftaħ u tuża s-Servizzi jew il-Pjattaformi kollha (jew parti minnhom) meta jidhrilha hi, mingħajr ma tgħarrfek qabel u ma tħallikx ittella' xi Kontenut tal-Utent mingħajr ma titqies li tkun naqsitek.

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

Tifhem li jekk tuża s-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna b'mod mhux awtorizzat, Skyscanner u/jew l-imsieħba jew il-liċenzjaturi tagħha jafu jġarrbu telf kbir li ma tistax tagħmel tajjeb għalih bil-flus. Jekk iseħħ dan ix-xorta ta' użu mhux awtorizzat, aħna u l-imsieħba u/jew il-liċenzjaturi tagħna (skont il-każ) se jkollna l-jedd li mhux biss infittxuk bil-liġi imma li nitolbu li jinħareġ mandat ta' inibizzjoni kontrik.

Jekk xi dispożizzjoni (kollha kemm hi jew parti minnha) ta' dawn ir-Regoli tinstab li m'għandha l-ebda setgħa legali jew ma tistax titwettaq, il-bqija tar-Regoli mhux se jitilfu s-setgħa legali jew is-setgħa li jitwettqu (kollha kemm huma jew parti minnhom). Jekk qorti mwaqqfa bil-liġi ssib li xi dispożizzjoni (kollha kemm hi jew parti minnha) m'għandhiex is-setgħa legali meħtieġa jew li ma tistax titwettaq, dik id-dispożizzjoni se titħassar minn dawn ir-Regoli.

Dawn ir-Regoli jgħoddu għalik biss. Mingħajr il-permess bil-miktub tagħna, ma tista' tgħaddi l-jeddijiet u d-dmirijiet li jinbtu minn dawn ir-Regoli lil ħadd (la kollha kemm huma u lanqas parti minnhom).
Dawn ir-Regoli huma l-ftehim kollu ta' bejnietna u jieħdu post u jiġu qabel kull regoli, kundizzjonijiet, ftehim u qbil marbut ma' kif tuża s-Servizzi u l-Pjattaformi tagħna li seta' kellna qabel.
Jekk nagħżlu li ma nwettqux xi biċċa minn dawn ir-Regoli, la tfisser li ċedejna l-jeddijiet tagħna u lanqas li mhux se nagħżlu li nwettqu dawk ir-Regoli iktar tard.
Min mhux marbut b'dan il-ftehim mhux se jkollu l-jedd li jwettaq id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli.
Ikun xi jkun il-pajjiż li minnu tiftaħ jew tuża s-Servizzi jew il-Pjattaformi, sakemm il-liġi tħallina nagħmlu hekk, dawn ir-Regoli u kif tuża s-Servizzi u l-Pjattaformi għandhom jinqraw skont il-liġijiet tal-Ingilterra u Wales. Jekk tinbet xi tilwima marbuta ma' dawn ir-regoli, inqisu li qbilt li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni mhux esklussiva tal-qrati tal-Ingilterra u Wales. Sakemm ma jkunx hemm xi ftehim kummerċjali bejnietna li jgħid

xorta oħra, jekk qed tuża l-Pjattaformi jew is-Servizzi għal skopijiet kummerċjali jew b'xi programm tal-kompjuter mingħajr il-permess tagħna kif fissirna f'iktar dettall u ma nħallukx tużahom fit-taqsima "kif tuża s-servizzi tagħna" ta' dawn ir-Regoli, taqbel li l-qrati tal-Ingilterra u Wales biss ikollhom il-ġurisdizzjoni għal kull ilment li tressaq b'rabta ma' dan il-fatt.

**Ikkuntattjana**

Jekk teħtieġ aktar informazzjoni dwar Skyscanner jew għandek xi suġġerimenti dwar kif nistgħu ntejbu s-Servizzi jew il-Pjattaformi tagħna, jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tim tal-għajnuna tagħna. Tista' wkoll tiktbilna bil-posta f'dan l-indirizz: Quartermile One, 15 Lauriston Place, Edinburgh EH3 9EN, ir-Renju Unit. L-ittri għandhom ikunu indirizzati liċ-“Chief Legal Officer” tagħna.